(c) huma promoturi tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tiegħu, li huma integrati, indiviżibbli, interdipendenti u jsaħħu lil xulxin, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversità wiesgħa tas-sistemi ta' produzzjoni, peress li m'hemmx mudell ta' żvilupp wieħed tajjeb għal kulħadd;

(d) huma jirrikonoxxu li l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija l-akbar sfida globali u rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli;

(e) huma jirrikonoxxu l-importanza li jiżdiedu l-isforzi għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli, u l-ġestjoni u r-restawr sostenibbli tal-ekosistemi kollha, f'konformità mal-kapaċitajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, u li jirrikonoxxu wkoll l-importanza li tiżdied il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi biex jiġu appoġġati dawn l-isforzi;

(f) jirrikonoxxu wkoll ir-rwol essenzjali tal-kooperazzjoni fil-livell multilaterali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ambjentali u tal-iżvilupp sostenibbli komuni u jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar il-kummerċ u l-investiment internazzjonali biex jiġi evitat tfixkil bla bżonn u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u li jfakkru wkoll li l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet u l-miri ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż il-mezzi ta' implimentazzjoni, huma universali, indiviżibbli u interkonnessi; kif ukoll

(g) fir-rigward tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari:

(i) huma jaffermaw mill-ġdid, konxji tar-rwol ta' tmexxija tagħhom, l-impenji sodi tagħhom, fl-ilħuq tal-objettiv tal-UNFCCC, li jindirizzaw it-tibdil fil-klima billi jsaħħu l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u jiksbu l-għan u l-għanijiet fit-tul tiegħu, inkluż il-mira tat-temperatura tiegħu, l-għan tiegħu li jżid il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u l-mira tiegħu li jagħmel il-flussi finanzjarji konsistenti mat-tnejn preċedenti, li jirriflettu l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti; li għandhom l-għan li jsaħħu r-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar; u li jirrikonoxxu wkoll li l-impatti tat-tibdil fil-klima qed jiġu esperjenzati fid-dinja kollha, b'mod partikolari mill-ifqar u dawk l-aktar vulnerabbli; kif ukoll

(ii) jirrikonoxxu l-prijorità fundamentali ta’ ħarsien tas-sigurtà tal-ikel u li jintemm il-ġuħ, u l-vulnerabbiltajiet partikolari ta' sistemi ta' produzzjoni tal-ikel għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JAQBLU li biex jiġu indirizzati l-kriżijiet u l-isfidi msemmija hawn fuq, sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, mhux diskriminatorja, ġusta, miftuħa, inklużiva, ekwa u trasparenti, bid-WTO fil-qalba tagħha, u f’konformità mal-objettiv ta’ żvilupp sostenibbli, hija indispensabbli;

FILWAQT LI JĠEDDU l-impenn tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta billi jiskoraġġixxu l-protezzjoniżmu u l-prattiki li jfixklu s-suq, biex irawmu ambjent favorevoli għall-kummerċ u l-investiment għal kulħadd;

FILWAQT LI JTENNU l-impenn tagħhom li jirrispettaw bis-sħiħ ir-regoli tad-WTO u li jevitaw diskriminazzjoni mhux ġustifikata jew arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali;

FILWAQT LI JAQBLU li l-isfidi msemmija hawn fuq iġibu ruħhom f’kuntest ġdid għall-formulazzjoni ta’ politiki pubbliċi biex jinbena futur aħjar;

FILWAQT LI JFAKKRU l-Artikolu 26.1(5) ta’ dan il-Ftehim, u FILWAQT LI JIRRIKONOXXU d-differenzi fil-livelli ta’ żvilupp tagħhom, filwaqt li jaqblu li dan l-Anness jinkorpora approċċ kooperattiv ibbażat fuq valuri u interessi komuni;

FILWAQT LI HUMA DETERMINATI li jaħdmu flimkien sabiex ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom issaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli;

FILWAQT LI JFAKKRU fl-importanza tal-kummerċ biex jogħlew l-istandards tal-għajxien u jiġi promoss it-tkabbir tal-impjiegi, filwaqt li jippermettu l-aħjar użu tar-riżorsi tad-dinja f’konformità mal-objettiv ta’ żvilupp sostenibbli;

FILWAQT LI JFITTXU kemm li jipproteġu u jippreservaw l-ambjent u li jtejbu l-mezzi biex jagħmlu dan b'mod konsistenti mal-ħtiġijiet u t-tħassib rispettivi tagħhom f'livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa li jitqiesu l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw biex jiġu żgurati l-aċċess għas-suq u l-benefiċċji skont dan il-Ftehim;

FID-DAWL tal-isfidi msemmija hawn fuq,

JAQBLU dwar dan l-Anness.

PARTI A

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

A.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji adottati skont il-Kapitolu 26. Huma tal-fehma li jinsabu f'pożizzjoni unika biex imexxu bl-eżempju fl-integrazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u li dan jenħtieġ jiġi segwit b'mod kollaborattiv.

2. Filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, li għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti skont il-ftehimiet internazzjonali li hija parti għalihom, kull Parti għandha tistinka biex ittejjeb il-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki rilevanti tagħha sabiex tiżgura livelli għoljin u effettivi ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, f'konformità mal-Artikolu 26.2 (2). Dan huwa konformi mal-objettiv ġenerali espress fl-Artikolu 26.1 biex dan il-Ftehim jiġi implimentat b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. Barra minn hekk, il-Partijiet ifakkru l-qbil tagħhom fl-Artikolu 26.2(3) li Parti ma għandhiex iddgħajjef il-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġijiet u r-regolamenti ambjentali jew tax-xogħol tagħha bl-intenzjoni li tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment. Il-Partijiet ifakkru li, skont l-Artikolu 26.2(5), jaqblu li Parti ma għandhiex tonqos, permezz ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sostnut jew rikorrenti, milli tinforza b'mod effettiv il-liġijiet jew ir-regolamenti tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol b'mod li tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-għoti ta' mezzi xierqa disponibbli biex jitwettaq tali infurzar. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 26.2(6), Parti ma għandhiex tapplika l-liġijiet u r-regolamenti dwar l-ambjent jew ix-xogħol tagħha b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ jew diskriminazzjoni mhux ġustifikata jew arbitrarja.

3. Il-Partijiet ifakkru li, skont il-Prinċipju 11 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp adottata mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp fl-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992"), l-istandards ambjentali, l-objettivi u l-prijoritajiet ta' ġestjoni għandhom jirriflettu l-kuntest ambjentali u ta' żvilupp li japplikaw għalih. Filwaqt li jfakkru fl-Artikoli 26.1(1) u 26.1(5) ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll id-differenzi fil-livelli ta' żvilupp u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, filwaqt li jsegwu l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet. Huma jirrikonoxxu li tali differenzi jinkludu l-isfidi ta' pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw.

4. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-miżuri ta' sostenibbiltà li jaffettwaw il-kummerċ iridu jkunu konsistenti bis-sħiħ mal-obbligi tagħhom skont il-Ftehimiet tad-WTO. Il-Partijiet ifakkru li, f'konformità mal-Ftehim dwar l-OTK (Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), il-miżuri li jammontaw għal regolamenti tekniċi li jirrestringu l-kummerċ soġġett għal dak il-ftehim għandhom, fost oħrajn, (i) ikunu bbażati fuq informazzjoni xjentifika u teknika; (ii) ma jkunux aktar ristrettivi għas-suq minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu, waqt li jiġu kkunsidrati r-riskji li n-nuqqas ta' twettiq jistgħu jikkaġunaw; u (iii) ikunu bbażati fuq standards internazzjonali rilevanti. Il-Partijiet ifakkru wkoll li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji li huma soġġetti għall-Ftehim SPS (Ftehim dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) għandhom, f'konformità ma' dak il-ftehim, fost oħrajn, (i) jiġu applikati biss sa fejn ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti; (ii) ikunu bbażati fuq prinċipji xjentifiċi; (iii) ikunu bbażati fuq standards, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, ħlief kif previst mod ieħor fil-Ftehim SPS; (iv) ma jinżammux mingħajr evidenza xjentifika suffiċjenti, ħlief kif previst mod ieħor fil-Ftehim SPS; u (v) ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali.

5. Skont l-Artikolu 2.7, il-Partijiet jenfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim, permezz tal-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi domestiċi f'konformità mal-mekkaniżmi u l-leġiżlazzjoni domestiċi ta' kull Parti, b'involviment wiesa' tal-atturi tas-soċjetà ċivili.

6. Il-Partijiet jikkondividu l-fehim li l-promozzjoni tal-kummerċ internazzjonali b'tali mod li tikkontribwixxi għall-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 26.1(3), tinvolvi azzjonijiet taħt l-intestaturi li ġejjin:

   (a) reġimi multilaterali;

   (b) relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bireġjonali;

   (c) politiki u miżuri nazzjonali u reġjonali relatati mal-kummerċ; kif ukoll

   (d) it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa.

7. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva tal-impenji tagħhom skont il-Kapitolu 26 ta' dan il-Ftehim u skont dan l-Anness, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, huma se jidħlu f'aktar diskussjonijiet u jistabbilixxu sensiela ta' azzjonijiet u attivitajiet ta' kooperazzjoni.

A.2. Reġimi multilaterali: kollaborazzjoni biex jiġu appoġġjati regoli multilaterali għall-iżvilupp sostenibbli

7. Il-Partijiet iqisu li dan il-Ftehim joffri pjattaforma privileġġata għall-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-istandards u l-objettivi multilaterali tax-xogħol u tal-ambjent, kif imsemmi fl-Artikoli 26.1(4)(a), 26.4(8), 26.5(5) u 26.6(3), f'konformità ma' approċċ kooperattiv, imsemmi fl-Artikolu 26.1(5), li jqis kif xieraq ir-realtajiet nazzjonali differenti tal-Partijiet, ir-restrizzjonijiet ġeografiċi, il-kapaċitajiet, il-ħtiġijiet u l-livelli ta' żvilupp u li jirrispetta l-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali tal-Partijiet, imsemmija fl-Artikolu 26.1(4)(c).

8. Il-Partijiet jinnotaw il-ħtieġa li jitqiesu bis-sħiħ l-iskop, l-għanijiet u l-prinċipji minquxa fl-Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, adottata fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, li saret f'Rio de Janeiro, mit-3 sal-14 ta' Ġunju 1992, u d-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, imsemmija fl-Artikolu 26.1(2) ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, il-Partijiet itennu wkoll il-prijorità fundamentali ta' ħarsien tas-sigurtà tal-ikel u li jintemm il-ġuħ, u l-vulnerabbiltajiet partikolari ta' sistemi ta' produzzjoni tal-ikel għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, kif ġew sottolineati fil-Ftehim ta' Pariġi.

9. Huma jfakkru li, skont il-Prinċipju 12 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992,

"il-miżuri tal-politika kummerċjali għal skopijiet ambjentali ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali. Għandhom jiġu evitati azzjonijiet unilaterali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali barra mill-ġuriżdizzjoni tal-pajjiż importatur. Il-miżuri ambjentali li jindirizzaw problemi ambjentali transkonfinali jew globali għandhom, kemm jista' jkun, ikunu bbażati fuq kunsens internazzjonali".

10. Huma jfakkru wkoll li, skont il-Prinċipju 2 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, l-Istati għandhom, skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, id-dritt sovran li jisfruttaw ir-riżorsi proprji tagħhom skont il-politiki ambjentali u ta' żvilupp tagħhom stess, u r-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni jew fil-kontroll tagħhom ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent ta' Stati oħra jew ta' żoni lil hinn mil-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali.

11. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jafdaw lis-Sottokumitat dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, imsemmi fl-Artikolu 26.14, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-Sottokumitat TSD") bil-kompiti li, fost l-oħrajn, jiffaċilita, jiddiskuti u jimmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tal-Kapitolu 26 u jfittex li jevita ostakli għall-kummerċ f'oqsma taħt il-mandat tiegħu, mingħajr preġudizzju għal mekkaniżmi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim. Il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni fis-Sottokumitat tat-TSD jinkludu, iżda mhumiex limitati għalihom, skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-proċessi relatati elenkati hawn taħt, sakemm il-Partijiet ikunu partijiet tagħhom:

(a) l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

(b) l-UNFCCC (United Nations Framework Convention on Climate Change) u l-Ftehim ta' Pariġi, stabbiliti hawnhekk;

(c) is-CBD (Convention on Biological Diversity), il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal adottat taħt is-CBD f'Montreal fid-19 ta' Diċembru 2022 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "GBF" Global Biodiversity Framework);

(d) il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu magħmul f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987, u l-Emenda tiegħu ta' Kigali magħmula f'Kigali fil-15 ta' Ottubru 2016;

(e) il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni magħmula f'Pariġi fis-17 ta' Ġunju 1994;

(f) il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Barra l-Konfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu magħmula f'Basel fit-22 ta' Marzu 1989, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali magħmula f'Rotterdam fl-10 ta' Settembru 1998, il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar materjal organiku persistenti li jniġġes magħmula fi Stokkolma fit-22 ta' Mejju 2001, u l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju magħmula f'Kumamoto fl-10 ta' Ottubru 2013;

(g) il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi magħmula f'Bonn fit-23 ta' Ġunju 1979;

(h) il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES);

(i) il-Konvenzjoni ta' Ramsar dwar l-Artijiet Mistagħdra magħmula f'Ramsar fit-2 ta' Frar 1971;

(j) id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni adottata mill-Assemblea Ġenerali fit-13 ta' Settembru 2007; kif ukoll

(k) il-konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-ILO.

12. Fir-rigward tas-CBD, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-elementi li ġejjin biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni effettiva tagħha:

(a) l-implimentazzjoni tat-tliet objettivi tas-CBD - il-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika, l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi – b'mod ibbilanċjat;

(b) l-implimentazzjoni tal-GBF;

(c) l-implimentazzjoni, ir-reviżjoni jew l-aġġornament, u l-komunikazzjoni tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-bijodiversità, inklużi l-miri nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 6 tas-CBD; kif ukoll

(d) il-forniment ta' mezzi adegwati ta' implimentazzjoni, inklużi r-riżorsi finanzjarji, l-aċċess għat-teknoloġija u t-trasferiment tagħha, il-kooperazzjoni teknika u xjentifika, l-iskambju ta' informazzjoni u d-distribuzzjoni tal-benefiċċji mill-bijoteknoloġija, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-CBD.

13. Filwaqt li jtennu l-impenn sħiħ tagħhom lejn l-UNFCCC u biex jimplimentaw b'mod effettiv il-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet jaqblu li jwettqu u jsaħħu l-azzjonijiet biex jappoġġjaw l-objettivi u l-għanijiet tagħhom, anke billi jqisu r-rendikonti globali tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jqisu l-mitigazzjoni, l-adattament u l-mezzi ta' implimentazzjoni u appoġġ, u fid-dawl tal-ekwità u l-aħjar xjenza disponibbli. Il-Partijiet ifakkru u jtennu l-impenji rispettivi kollha tagħhom skont ir-reġim multilaterali dwar il-klima, inkluż, iżda mhux ristrett għal dan li ġej:

(a) rigward il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"NDCs") u l-mitigazzjoni: li jħejji, jikkomunika u jżomm l-NDCs suċċessivi u jsegwi miżuri ta' mitigazzjoni domestiċi, bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' tali kontributi; li l-NDCs suċċessivi ser jirrappreżentaw progressjoni maż-żmien u jirriflettu l-ogħla ambizzjoni possibbli, li tirrifletti l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti;

(b) fir-rigward tal-adattament: biex jinvolvu ruħhom fi proċessi ta' ppjanar ta' adattament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, inkluż l-iżvilupp jew it-titjib ta' pjanijiet, politiki jew kontribuzzjonijiet rilevanti; kif ukoll

(c) rigward il-flussi finanzjarji u l-mezzi ta' implimentazzjoni: biex jieħdu azzjoni bl-għan li jagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima; biex jipprovdu appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi għall-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika, inklużi r-riżorsi finanzjarji, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċità, f'konformità mal-Artikoli 9, 10 u 11 tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġi rikonoxxut li appoġġ imsaħħaħ għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi ser jippermetti ambizzjoni akbar fl-azzjonijiet tagħhom.

14. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw b'mod attiv, kemm fin-negozjati fi ħdan ir-reġim kif ukoll fl-implimentazzjoni tiegħu, lejn it-trawwim ta' azzjoni klimatika konġunta.

15. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenji internazzjonali rilevanti tagħha u għandha timplimenta miżuri, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi u interni tagħha, sabiex tipprevjeni aktar deforestazzjoni u ssaħħaħ l-isforzi sabiex tiġi stabbilizzata jew tiżdied il-kopertura tal-foresti mill-2030. F'dan il-kuntest, il-Partijiet ma għandhomx idgħajfu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi ambjentali tagħhom.

16. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li l-politiki tagħhom iridu jqisu l-isfidi soċjali u ekonomiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-kontribut tagħhom għas-sigurtà globali tal-ikel.

17. Il-Partijiet jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal appoġġ u investiment imsaħħin biex jintlaħqu dawn l-objettivi, inkluż permezz ta' riżorsi finanzjarji, trasferiment tat-teknoloġija, bini tal-kapaċità, u mekkaniżmi oħra previsti f'dan il-Ftehim.

18. Il-Partijiet se jżidu l-isforzi biex iżidu sostanzjalment is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija globali u jtejbu l-kooperazzjoni biex jiffaċilitaw l-aċċess għar-riċerka u t-teknoloġija dwar l-enerġija nadifa, inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġija avvanzata u aktar nadifa tal-fjuwils fossili, u jippromwovu l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija u fit-teknoloġija tal-enerġija nadifa.

19. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jużaw is-Sottokumitat tat-TSD biex jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji tas-Sajd, adottat fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fis-17 ta' Ġunju 2022, ladarba dan ikun daħal fis-seħħ.

20. Filwaqt li jirrikonoxxu l-ispazju privileġġat għall-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni pprovdut mis-Sottokumitat tat-TSD, il-Partijiet jenfasizzaw li dan il-Ftehim ma jimmodifika bl-ebda mod in-natura jew l-ambitu tal-impenji adottati skont il-ftehimiet internazzjonali rilevanti msemmija fil-Kapitolu 26 ta' dan il-Ftehim kif ukoll il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni miftiehma skont dawk il-ftehimiet. It-tfassil u l-funzjonament ta' dawk il-ftehimiet, b'mod partikolari n-natura tal-impenji adottati fihom kif ukoll il-mekkaniżmi ta' konformità tagħhom, meta eżistenti, jirriflettu bilanċi miksuba fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet li la huma mibdula u lanqas ikkundizzjonati b'xi mod mir-referenzi għal dawn l-impenji f'dan il-Ftehim.

## A.3. Relazzjonijiet bireġjonali dwar il-kummerċ u l-investiment: l-isfruttar tal-potenzjal ta' dan il-Ftehim li jixpruna żvilupp sostenibbli reali li jaħdem għal kulħadd

21. Il-Partijiet jifhmu li l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet, imsemmija fl-Artikolu 26.1(1), trid twassal, fost l-oħrajn, benefiċċji ekonomiċi tanġibbli għall-produtturi ta' oġġetti u għall-fornituri ta' servizzi li jinkorporaw is-sostenibbiltà fl-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi n-nisa, il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali.

22. Il-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 21 jistgħu jinkisbu permezz ta', fost l-oħrajn, inizjattivi li jinkoraġġixxu l-kummerċ ta' prodotti miksuba jew prodotti b'mod sostenibbli u f'konformità mal-liġi tal-Partijiet, u proġetti li jrawmu ktajjen tal-provvista interreġjonali biex jippromwovu l-kontribut pożittiv tal-kummerċ għal perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel, kif imsemmi fl-Artikolu 26.6(2)(b).

23. Il-Partijiet huma impenjati għall-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u jirrikonoxxu r-rwol tal-ILO bħala l-organizzazzjoni multilaterali ewlenija f'dan il-qasam.

24. Filwaqt li jfakkru l-Artikolu 26.4(4) ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tagħmel sforzi kontinwi u sostnuti lejn ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, il-Protokolli u Konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti oħra li għalihom għadha mhijiex parti u li huma kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO, filwaqt li tirrispetta d-dritt sovran ta' Parti li tidħol f'obbligi internazzjonali addizzjonali. F'konformità mal-Artikolu 26.4(3) ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u timplimenta b'mod effettiv l-istandards ewlenin tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

25. Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji, il-Partijiet beħsiebhom jagħmlu enfasi speċifika fuq l-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal kif ukoll fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv. Il-Partijiet jifhmu li l-impenn għall-implimentazzjoni effettiva jinvolvi li kull Parti tadotta liġijiet u regolamenti rilevanti, u teżerċita l-ġurisdizzjoni u l-kontroll tagħha billi tistabbilixxi sistema għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-istandards ewlenin tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

26. Barra minn hekk, f'konformità mal-impenn li jiġi promoss xogħol deċenti fl-Artikolu 26.4(8) ta' dan il-Ftehim u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, il-Partijiet jenfasizzaw il-prinċipju tad-djalogu soċjali, li huwa prinċipju gwida tal-ILO, u jifhmu li r-ratifika tal-Konvenzjonijiet fundamentali u oħrajn rilevanti tal-ILO jenħtieġ li titwettaq b'mod konsistenti ma' dan il-prinċipju.

Naraw li dan il-Ftehim jirnexxi għall-produtturi ta' prodotti sostenibbli

27. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol fundamentali li għandhom miljuni ta' abitanti ta' reġjuni mbiegħda miċ-ċentri urbani, bħall-foresti, il-bwar naturali, l-artijiet mistagħdra u ekosistemi naturali oħra fil-kisba ta' żvilupp sostenibbli, il-Partijiet se jikkollaboraw biex jipprovdu aktar opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għal prodotti miksuba b'mod sostenibbli u f'konformità mal-liġi ta' kull Parti, minn bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, kooperattivi, popli indiġeni u komunitajiet lokali u biex jiżviluppaw mekkaniżmi biex jappoġġjaw lil dawn il-popolazzjonijiet fil-kisba u ż-żamma ta' sorsi sostenibbli ta' introjtu, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet kollettivi tal-art tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, f'konformità mal-liġi ta' kull Parti u l-impenji internazzjonali rilevanti tagħha.

28. Il-Partijiet jaqblu li jiddiskutu miżuri u inizjattivi speċifiċi biex jintlaħaq dan l-għan fil-qafas tas-Sottokumitat TSD jew korp ieħor stabbilit skont dan il-Ftehim, kif xieraq. Fost l-oħrajn, tali miżuri u inizjattivi jinkludu l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' aċċess għas-suq meħtieġa biex jixprunaw l-esportazzjonijiet ta' prodotti miksuba jew prodotti b'mod sostenibbli, u miżuri u inizjattivi biex jitħaffef u jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet.

Il-promozzjoni ta' ktajjen ta' valur interreġjonali sostenibbli għat-tranżizzjoni tal-enerġija

29. Skont l-Artikolu 26.6(2)(b), il-Partijiet għandhom ifittxu li jisfruttaw il-potenzjal sinifikanti għal sħubijiet interreġjonali fi proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija, minħabba l-ħafna komplementarjetajiet tagħhom rigward l-inputs, l-għarfien espert u t-teknoloġiji meħtieġa biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet f'oqsma bħall-mobbiltà sostenibbli u oqsma oħra identifikati mill-Partijiet.

30. F’dan is-sens, il-Partijiet jirrikonoxxu li l-bini ta’ ktajjen ta’ valur interreġjonali li huma responsabbli, sostenibbli, trasparenti, mingħajr xkiel u reżiljenti huwa wieħed mill-aspetti ewlenin biex jintlaħqu l-objettivi relatati mal-kisba ta’ tranżizzjoni tal-enerġija ekwa u ġusta li tikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali taż-żewġ reġjuni. Permezz ta’ parteċipazzjoni effettiva u bbilanċjata f’dawn il-ktajjen, iż-żewġ reġjuni se jkunu f’pożizzjoni aħjar biex jippreservaw il-kompetittività tagħhom fis-suq globali, iżommu livell għoli ta’ impjiegi bil-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità, isaħħu l-kapaċità produttiva u ta’ innovazzjoni tagħhom, itejbu l-bażi industrijali eżistenti u jappoġġaw it-trasformazzjoni tagħhom.

31. Bil-ħsieb li jinħolqu l-impjiegi u jitrawmu sinerġiji bejn il-livelli ta’ żvilupp teknoloġiku u r-riżorsi naturali eżistenti fil-MERCOSUR u fl-Unjoni Ewropea, il-Partijiet se jikkollaboraw fit-tfassil ta’ inizjattivi li jagħtu spinta lill-ktajjen ta’ valur interreġjonali sostenibbli u reżiljenti. Dawn il-ktajjen ta’ valur għandhom jiffavorixxu l-investiment u l-iżvilupp industrijali fil-pajjiżi li jipproduċu l-materja prima, bil-ħsieb li jiżdied il-valur miżjud lokalment u jiġi promoss il-ħolqien tal-impjiegi. Fost l-oħrajn, il-Partijiet se jipprijoritizzaw il-kunsiderazzjoni tal-iżvilupp konġunt ta’ swieq u ktajjen ta’ valur interreġjonali sostenibbli f’setturi strateġiċi konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti ta’ kull Parti; dawn is-setturi jistgħu jinkludu:

(a) estrazzjoni, benefiċjazzjoni u trasformazzjoni responsabbli ta’ metalli u minerali li huma kritiċi għat-tranżizzjoni tal-enerġija;

(b) sorsi tal-enerġija li għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni tal-enerġija, inklużi l-gass naturali likwifikat u l-enerġija rinnovabbli; dan huwa partikolarment rilevanti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u b’emissjonijiet baxxi kif ukoll għal dawk is-setturi industrijali fejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra huwa ta’ sfida;

(c) il-mobbiltà sostenibbli u l-ktajjen ta’ valur assoċjati, inklużi l-batteriji tal-joni tal-litju, ir-riċiklaġġ tal-batteriji kif ukoll l-infrastruttura tal-irriċarġjar, l-elettromobbiltà u l-produzzjoni industrijali tal-karozzi elettriċi;

(d) bijofjuwils sostenibbli, inklużi l-metanol u l-bijodiżil, il-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

(e) l-idroġenu u d-derivattivi tiegħu, biex jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

32. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 31, il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-implimentazzjoni ta' strumenti ta' politika biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fi ktajjen tal-valur iffokati fuq industriji tal-manifattura strateġiċi għat-tranżizzjoni tal-enerġija, li jeħtieġu investimenti kbar, teknoloġija tal-ogħla livell u forza tax-xogħol speċjalizzata, kif ukoll politiki speċifiċi mfassla biex jippromwovu l-inklużjoni tan-nisa. F'dan is-sens, filwaqt li jitqiesu l-asimmetriji bejn iż-żewġ reġjuni, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR jistgħu jadottaw miżuri ta' promozzjoni mmirati lejn l-iżvilupp u t-tkabbir ta' industriji tal-manifattura strateġiċi għal tranżizzjoni sostenibbli, f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. Dawn il-miżuri għandhom ikunu konsistenti ma' dan il-ftehim u mal-Ftehim tad-WTO.

33. Barra minn hekk, il-Partijiet se jikkollaboraw fir-rigward tas-setturi msemmija hawn fuq inkluż fl-aspetti li ġejjin:

(a) il-faċilitazzjoni u l-promozzjoni ta' investimenti li jrawmu ż-żieda lokali ta' valur fil-ktajjen tal-produzzjoni fil-pajjiżi li jipproduċu l-materja prima;

(b) l-għoti ta' appoġġ tekniku u appoġġ ieħor għal proġetti li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ktajjen tal-valur interreġjonali, l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-għarfien, li jippermettu l-bini ta' kapaċitajiet fl-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR.

34. Fl-aħħar nett, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkollaboraw fit-trawwim ta' ktajjen tal-valur interreġjonali f'oqsma li joffru kontribut indirett għat-tranżizzjoni tal-enerġija, bħall-produzzjoni ta' merkanzija u servizzi għall-kura tas-saħħa, l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali, inklużi servizzi bbażati fuq l-għarfien, kif ukoll il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel.

A.4. Politiki u miżuri nazzjonali jew reġjonali relatati mal-kummerċ: filwaqt li jirrikonoxxu l-varjetà ta' approċċi effettivi biex jinkiseb żvilupp sostenibbli

35. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom adottati skont dan il-Ftehim u r-reġimi internazzjonali rilevanti msemmija fil-Kapitolu 26 relatati mal-konservazzjoni, il-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u ekosistemi terrestri oħrajn, u mal-użu sostenibbli tal-art f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom. Huma jaffermaw mill-ġdid ukoll l-impenn tagħhom li jinkoraġġixxu l-kummerċ fi prodotti minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli maħsuda f'konformità mal-liġi tal-pajjiż tal-ħsad, biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat.

36. Barra minn hekk, il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol tal-għarfien tradizzjonali u indiġenu kif ukoll ir-rwol tal-atturi lokali bħala protagonisti ewlenin fl-użu sostenibbli tal-art u l-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti u l-bijodiversità. Huma jfakkru fl-importanza li jiġu appoġġjati l-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u jirrikonoxxu li l-politiki mmirati lejn it-trażżin tad-deforestazzjoni jridu jqisu l-isfidi soċjali u ekonomiċi u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti u l-impenji internazzjonali rilevanti tagħha.

37. Il-Partijiet huma determinati li jtennu u jżidu l-isforzi biex itemmu t-theddid illeċitu għan-natura u għall-ambjent, inkluż il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u n-nirien u l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, l-estrazzjoni illegali u attivitajiet dannużi oħra bħas-sajd illegali, mhux rappurtati u mhux regolati (IUU) u t-traffiku illegali ta' skart li jheddu l-ambjent.

38. Il-partijiet jinnotaw l-importanza li jissaħħu l-konservazzjoni, ir-restawr, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tat-tipi kollha ta' ekosistemi u li jissaħħu l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-bijodiversità għan-nies, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u dawk l-aktar dipendenti fuq il-bijodiversità, inkluż permezz ta' attivitajiet, prodotti u servizzi sostenibbli bbażati fuq il-bijodiversità li jtejbu l-bijodiversità. Il-partijiet se jikkooperaw biex jippromwovu xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, sabiex progressivament inaqqsu l-impatti negattivi fuq il-bijodiversità u jżidu l-impatti pożittivi. Huma jesprimu wkoll id-determinazzjoni tagħhom li jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi u minn informazzjoni ta' sekwenza diġitali dwar ir-riżorsi ġenetiċi, konsistenti mal-impenji internazzjonali ta' kull Parti.

39. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kummerċ għall-benefiċċju tal-ekosistemi, il-Partijiet se jistabbilixxu fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim lista ta' prodotti mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni, ir-restawr, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-foresti u l-ekosistemi vulnerabbli. Il-prodotti f'din il-lista, li għandhom jiġu riveduti perjodikament kull tliet snin, għandhom jingħataw aċċess preferenzjali jew addizzjonali għas-suq, jew inċentivi oħra mill-Unjoni Ewropea biex jippromwovu l-kummerċ tagħhom, bħall-assistenza teknika jew il-bini tal-kapaċità.

40. Barra minn hekk, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu azzjonijiet u miżuri biex itejbu l-kummerċ ta' merkanzija li jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet soċjali mtejba u prattiki ambjentalment sodi, bħal merkanzija u servizzi li jikkontribwixxu għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jew merkanzija li hija s-suġġett ta' skemi u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà. Tali azzjonijiet, li għandhom jiġu rieżaminati perjodikament mill-Partijiet kull tliet snin, jistgħu jinkludu miżuri biex itejbu l-aċċess għas-suq, l-assistenza teknika, il-bini tal-kapaċità u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, kif xieraq.

41. L-impenn tal-Partijiet għal kooperazzjoni u fehim aħjar tal-politiki u l-miżuri relatati mal-kummerċ tax-xogħol u ambjentali rispettivi tagħhom, imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 26.1(4), jimplika, fost l-oħrajn, ir-rikonoxximent li l-politiki, il-miżuri u s-soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-isfida tal-iżvilupp sostenibbli jistgħu jvarjaw bejn il-pajjiżi u r-reġjuni.

## A.5. Il-kummerċ u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa

42. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-politiki kummerċjali inklużivi jikkontribwixxu għall-avvanz tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Għaldaqstant, il-Partijiet għandhom l-intenzjoni li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim b'mod li jippromwovi opportunitajiet u trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel u li jinkorpora din il-perspettiva fil-politiki tal-kummerċ u tal-investiment.

43. Kull Parti għandha tistinka biex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jippromwovu, drittijiet, trattament u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb tali liġi u politiki, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-ambitu u l-livelli ta' protezzjoni tagħha stess għal opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. Tali liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti għal ftehimiet internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, li kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv.

44. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-bidliet fil-flussi kummerċjali jista' jkollhom effett differenzjali fuq l-opportunitajiet ta' impjieg u l-parteċipazzjoni tal-irġiel u n-nisa, fuq l-introjtu u l-benesseri tagħhom. Filwaqt li jqisu d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol, adottata f'Ġinevra fil-21 ta' Ġunju 2019, il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza ta' kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet fost il-membri tal-familja u tal-investiment fl-ekonomija tal-kura sabiex in-nisa jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ekonomiċi relatati mal-kummerċ u mill-attivitajiet intraprenditorjali, speċjalment in-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

45. Il-Partijiet beħsiebhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn din it-taqsima. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema nisa, in-negozjanti nisa u l-imprendituri, inkluż l-aċċess tan-nisa għall-parteċipazzjoni, it-tmexxija u l-edukazzjoni f'oqsma li fihom huma sottorappreżentati, kif ukoll li jagħmlu sforzi biex jappoġġjaw politiki settorjali li jippermettu l-inseriment tan-nisa f'setturi dinamiċi u ta' produttività ogħla, inkluż billi jippromwovu flussi ta' investiment dirett barrani li jespandu l-opportunitajiet ta' impjieg għan-nisa fis-suq tax-xogħol, speċjalment f'dawk is-setturi li huma ddominati mill-irġiel. Tali kooperazzjoni tista' tkopri, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' data li jippermetti l-identifikazzjoni, it-tfassil, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-politiki kummerċjali mmirati biex ineħħu l-ostakli li jiffaċċjaw in-nisa fil-kummerċ internazzjonali.

## PARTI B

## KOOPERAZZJONI

### B.1. Il-kontribut għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom

46. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw biex jiggarantixxu li l-istabbiliment gradwali taż-żona ta' kummerċ ħieles MERCOSUR-UE jikkontribwixxi mhux biss għaż-żieda fl-introjtu u l-prosperità ġenerali, iżda wkoll għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 10. Fl-istess ħin, fil-promozzjoni ta' tranżizzjoni lejn ekonomiji b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, il-Partijiet ifakkru fl-impenji rispettivi tagħhom li jaħdmu lejn tranżizzjoni ġusta u li jipprovdu u jimmobilizzaw il-fondi meħtieġa għal dan l-għan.

B.2. Il-promozzjoni tal-objettivi tal-Kapitolu 26 dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

47. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Kapitolu 26 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza tal-kooperazzjoni interreġjonali inkluż fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni ta' impenji multilaterali fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-ambjent, u tal-istandards tax-xogħol tal-ILO;

(b) appoġġ għar-rwol tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;

(c) it-titjib tat-traċċabbiltà fil-ktajjen ta' valur;

(d) l-isfruttar tal-potenzjal ta' bijoekonomija sostenibbli u inklużiva, inklużi prodotti u servizzi bbażati fuq il-bijodiversità li jtejbu l-bijodiversità;

(e) l-użu ta' kriterji u metodoloġiji trasparenti, komparabbli, li jistgħu jitkejlu, inklużivi, ibbażati fuq ix-xjenza u speċifiċi għall-kuntest biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tal-bijoekonomija tul il-ktajjen ta' valur;

(f) bijofjuwils sostenibbli, inklużi l-metanol u l-bijodiżil, il-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; kif ukoll

(g) il-produzzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ ta' merkanzija u servizzi prodotti b'mod sostenibbli, inklużi oġġetti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

48. Il-Partijiet jesprimu appoġġ għaż-żieda fil-finanzjament minn pajjiżi żviluppati għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll minn sorsi oħra, għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u r-restawr tal-ekosistemi kollha, skont iċ-ċirkostanzi u l-politiki domestiċi. Huma jirrikonoxxu wkoll l-importanza, għall-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, tal-appoġġ u l-mezzi xierqa tal-Unjoni Ewropea biex jiġu appoġġjati l-politiki nazzjonali u l-impenji internazzjonali rigward l-objettivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament, u l-kobenefiċċji, it-telf u l-ħsara tiegħu u biex jiġu indirizzati t-telf tal-bijodiversità, il-konservazzjoni u r-restawr tal-foresti, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti kif ukoll l-impenji internazzjonali applikabbli ta' kull Stat Firmatarju tal-MERCOSUR. Huma jirrikonoxxu wkoll l-importanza li jiġi pprovdut u mmobilizzat l-appoġġ tekniku u finanzjarju meħtieġ biex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel u titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-bdiewa u ta' gruppi vulnerabbli oħra, speċjalment il-bdiewa fuq skala żgħira, in-nisa u ż-żgħażagħ, fir-rigward tat-tibdil fil-klima.

49. Filwaqt li jfakkru fl-objettiv tal-Kapitolu 26 li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jappoġġjaw ir-rieżami tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti, li jiżguraw finanzjament adegwat għall-konservazzjoni tal-foresti, ir-riforestazzjoni, ir-restawr u t-tnaqqis tad-deforestazzjoni, u l-konverżjoni tal-bwar naturali, u li jaħdmu flimkien biex jiżguraw li dawn l-istrumenti jiġu ffinanzjati kif xieraq minn sorsi domestiċi u internazzjonali, fejn applikabbli, skont il-liġi ta' kull Parti. Barra minn hekk, il-Partijiet jappoġġjaw iż-żieda fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, inkluż permezz ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati u approċċi oħra ta' politika, bħall-pagament għas-servizzi tal-ekosistema.

50. Il-Partijiet jenfasizzaw li tali kooperazzjoni għandha mhux biss tinvolvi s-settur pubbliku, iżda wkoll lin-negozji, lill-akkademja u lis-soċjetà ċivili, f'konformità mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli.

B.3. Miżuri ta' sostenibbiltà li jaffettwaw il-kummerċ

51. Filwaqt li jfakkru fl-impenji tagħhom skont il-Ftehimiet tad-WTO, il-Partijiet jaqblu li jkollhom approċċ kooperattiv biex jindirizzaw l-isfidi assoċjati mal-issodisfar tar-rekwiżiti assoċjati mal-miżuri ta' sostenibbiltà ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' żvilupp, il-kapaċitajiet, il-prijoritajiet u ċ-ċirkostanzi u l-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll l-isfidi speċifiċi ta' pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw. Fost l-isfidi msemmija hawn fuq, il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jappoġġjaw il-konformità mal-miżuri ta' sostenibbiltà ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ, sabiex l-esportazzjonijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq previsti minn dan il-Ftehim. Huma jindikaw ukoll il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni, anness mal-Ftehim ta' Sħubija, bħala għodda biex jintlaħaq dan l-għan u jaqblu li l-appoġġ għall-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR għandu jinkludi l-forniment ta' riżorsi finanzjarji, programmi ta' bini tal-kapaċità, assistenza teknika u inizjattivi konġunti oħra biex jiġu promossi ktajjen tal-provvista sostenibbli.

52. Il-Partijiet ifakkru d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 13, b'mod partikolari l-Artikolu 13.5. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jidentifikaw u jadottaw miżuri u jimplimentaw inizjattivi biex iħaffu u jiffaċilitaw il-kummerċ bejniethom fi prodotti rilevanti, kif xieraq, bħal ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku jew ta' ekwivalenza u jżidu l-għarfien u l-fehim reċiproku tal-prattiki u l-iskemi eżistenti.

53. Meta timplimenta miżuri ta' sostenibbiltà li jaffettwaw il-kummerċ, b'mod konsistenti mal-liġi tagħha, Parti għandha tqis bis-sħiħ l-informazzjoni xjentifika jew teknika sottomessa mill-Parti l-oħra u għandha tqis l-azzjonijiet meħuda minn dik il-Parti sabiex timplimenta l-impenji skont dan l-Anness.

54. Meta l-liġi ta' Parti tipprevedi l-verifika tal-konformità ta' prodott importat mal-liġi rilevanti ta' Parti oħra, il-Partijiet jirrikonoxxu li l-awtoritajiet ta' Parti jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw il-konformità mal-liġi ta' dik il-Parti. Għalhekk, meta Parti tivvaluta l-konformità mal-liġi ta' Parti oħra, l-ewwel Parti għandha tuża l-informazzjoni pprovduta mit-tieni Parti.

55. Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sostenibbiltà li jaffettwaw il-kummerċ u t-tqegħid fis-suq relatati mal-protezzjoni tal-ekosistemi msaġġra, u fejn il-liġi tal-Unjoni Ewropea tippermetti dan:

(a) l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li dan il-Ftehim u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu implimentati l-impenji tiegħu għandhom jitqiesu b'mod favorevoli, fost kriterji oħra, fil-klassifikazzjoni tar-riskji tal-pajjiżi;

(b) id-dokumentazzjoni, il-liċenzji, l-informazzjoni u d-data minn skemi ta' ċertifikazzjoni u sistemi ta' traċċabbiltà u monitoraġġ uffiċjalment rikonoxxuti, reġistrati jew identifikati mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR għandhom jintużaw bħala sors mill-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni Ewropea għall-fini tal-verifika tal-konformità tal-prodotti koperti minn tali miżuri mar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà mqiegħda fis-suq tal-Unjoni Ewropea;

(c) f'każ ta' diverġenza bejn id-dokumentazzjoni, il-liċenzji, l-informazzjoni u d-data mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni u s-sistemi ta' traċċabbiltà u monitoraġġ uffiċjalment rikonoxxuti, reġistrati jew identifikati mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, u l-informazzjoni li tkun qed tintuża mill-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni Ewropea, dawn tal-aħħar għandhom, fuq talba, jikkunsidraw minnufih l-informazzjoni u l-kjarifiki pprovduti mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR; kif ukoll

(d) filwaqt li jirrikonoxxu li, fil-kuntest tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħhom, l-operaturi u n-negozjanti tal-Unjoni Ewropea jistgħu jagħmlu użu minn skemi ta' traċċabbiltà, ċertifikazzjoni jew skemi oħra vverifikati minn parti terza, l-Unjoni Ewropea għandha, fuq talba mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, tipprovdi appoġġ għal valutazzjonijiet trasparenti u indipendenti tal-iskemi ta' traċċabbiltà, ċertifikazzjoni jew verifika minn parti terza u l-allinjament tagħhom mar-rekwiżiti u l-prattiki tajbin.

56. Xejn taħt din it-taqsima ma għandu jinftiehem jew jiġi interpretat bħala deroga, modifika jew inkorporazzjoni ta' definizzjonijiet ġodda rigward il-protezzjoni tal-ekosistemi msaġġra skont il-liġi ta' Parti.

PARTI C

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

57. Dan l-Anness għandu jifforma parti integrali tal-Kapitolu 26.

58. F'konformità mal-Artikolu 9.5(1), l-Unjoni Ewropea għandha tkun responsabbli għat-twettiq tal-impenji f'dan l-Anness.

59. F'konformità mal-Artikolu 9.5(2), ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Anness, kull wieħed mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-impenji f'dan l-Anness.

60. F'konformità mal-Artikolu 26.15(4), il-partijiet f'tilwima skont il-Kapitolu 26 għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan l-Anness għandhom ikunu kif stabbilit fl-Artikolu 29.3.

61. F'konformità mal-Artikolu 26.15(5), l-ebda Parti ma għandu jkollha rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 29 għal kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minn dan l-Anness.

62. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont dan l-Anness ma għandhomx jiġu interpretati bħala rikonoxximent li r-rekwiżiti tas-suq ta' Parti huma konsistenti mar-regoli u l-prinċipji tad-WTO, u huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' Parti skont il-Ftehimiet tad-WTO.

**ANNESS 29-A**

REGOLI TA' PROĊEDURA GĦALL-ARBITRAĠĠ

I. KOSTIJIET

1. Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-arbitri għandha tinkludi r-rimunerazzjoni u l-ispejjeż kollha dovuti lill-assistenti tagħhom. Il-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għandu jaqbel dwar regoli dwar ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-arbitri fl-ewwel laqgħa tiegħu. Jekk il-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ ma jkunx stabbilixxa tali regoli, ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-arbitri għandhom jiġu ddeterminati skont il-prattika tad-WTO.

II. NOTIFIKI

2. Il-partijiet u l-bord tal-arbitraġġ għandhom jibagħtu kwalunkwe talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor bil-email jew b'mezzi elettroniċi oħra li jipprovdu rekord li bih intbagħtu. Sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor, in-notifika għandha titqies li tkun ingħatat u waslet fl-istess data li tkun intbagħtet. Kopja tad-dokumenti għandha tiġi pprovduta wkoll bil-posta jew b'mezzi oħra miftiehma mill-partijiet, inkluża notifika tad-data ta' meta ntbagħtu.

3. Kull talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor għandu jintbagħat kif ġej:

(a) mill-bord tal-arbitraġġ liż-żewġ partijiet fl-istess ħin;

(b) minn parti lill-bord tal-arbitraġġ, ikkupjata lill-parti l-oħra;

(c) minn parti lill-parti l-oħra, ikkupjata lill-bord, kif xieraq; jew

(d) mill-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għall-arbitri skont ir-Regola 10(c), ikkupjat lill-kopresident l-ieħor u lill-partijiet.

4. In-notifiki kollha għandhom jiġu indirizzati jew lill-presidenza *pro tempore* tal-MERCOSUR, jekk MERCOSUR ikun parti, jew lill-koordinatur nazzjonali rilevanti jekk Stat Firmatarju tal-MERCOSUR ikun parti, u lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea tal-Unjoni Ewropea, rispettivament. Jekk ir-rappreżentanti tal-partijiet ikunu diġà nħatru, in-notifiki kollha għandhom jiġu indirizzati lilhom ukoll.

5. Żbalji żgħar ta' natura klerikali li jsiru fi kwalunkwe talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċedimenti lill-bord tal-arbitraġġ jistgħu jitranġaw permezz tal-kunsinna ta' dokument ġdid li jindika l-bidliet b'mod ċar.

6. Id-dokumenti sottomessi minn parti għandhom jiġu ffirmati kif xieraq sabiex jitqiesu ppreżentati uffiċjalment lill-bord tal-arbitraġġ.

7. Jekk l-aħħar jum għall-kunsinna ta' dokument ikun f'jum mhux ta' xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Firmatarju tal-MERCOSUR kif applikabbli, il-perjodu ta' żmien għall-kunsinna tad-dokument għandu jintemm fl-ewwel jum ta' xogħol sussegwenti.

8. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet interni u esterni tal-bord tal-arbitraġġ, inklużi n-notifiki bejn il-partijiet u l-bord tal-arbitraġġ.

9. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jkun responsabbli għaż-żamma tal-file tal-proċedimenti. Il-president għandu jipprovdi lil kwalunkwe waħda mill-partijiet, fuq talba tagħha, kopja tal-file tal-proċedimenti wara l-ħruġ tad-deċiżjoni jew sentenza tal-arbitraġġ. Il-president għandu jżomm il-file oriġinali matul 5 (ħames) snin wara d-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni jew sentenza tal-arbitraġġ. Fi tmiem dan il-perjodu, il-president għandu jibgħat il-file oriġinali lill-parti li qed tressaq l-ilment. Il-parti li qed tressaq l-ilment għandha tipprovdi kopja tal-file lill-parti konvenuta fuq talba tagħha.

## III. BIDU TAL-ARBITRAĠĠ

10. Dwar l-għażla tal-arbitru, japplikaw dawn li ġejjin:

(a) Jekk, skont l-Artikolu 29.9 jew ir-Regola 26 u r-Regoli 28 sa 31, kwalunkwe membru tal-bord tal-arbitraġġ għandu jintgħażel bil-polza, ir-rappreżentanti taż-żewġ partijiet għandhom jiġu mistiedna b'antiċipazzjoni dovuta li jkunu preżenti meta ssir it-tlugħ bil-polza. F'kwalunkwe każ, il-polza għandha tittella' b'kull parti li tkun preżenti. Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tal-parti li qed tressaq l-ilment għandu jinforma minnufih lill-kopresident tal-parti konvenuta dwar id-data, il-ħin u l-post tal-polza.

(b) Jekk xi waħda mis-sublisti msemmija fil-paragrafu 29.8(3) ma tiġix stabbilita, il-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tal-parti li qed tressaq l-ilment għandu jagħżel bil-polza l-arbitru, mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara d-data tal-kunsinna tat-talba msemmija fl-Artikolu 29.8(5), minn fost dawk il-persuni fiżiċi li jkunu ġew formalment proposti minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għall-istabbiliment ta' dik is-sublista partikolari.

(c) Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tal-parti li qed tressaq l-ilment għandu jinnotifika lill-arbitri dwar il-ħatra tagħhom.

(d) Arbitru li jkun inħatar skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.9 għandu jikkonferma bil-miktub id-disponibbiltà tiegħu li jservi bħala membru tal-bord ta' arbitraġġ lill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara d-data tal-wasla tan-notifika tal-ħatra tiegħu. Fin-notifika li tikkonferma d-disponibbiltà tiegħu, l-arbitru għandu jikkonferma wkoll b'mod espliċitu li jikkonforma u jimpenja ruħu li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 29-B.

(e) Sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord tal-arbitraġġ mhux aktar minn 7 (sebat) ijiem mit-twaqqif tiegħu biex jistabbilixxu l-kwistjonijiet li l-partijiet jew il-bord tal-arbitraġġ iqis xierqa, inklużi. Membri tal-bord tal-arbitraġġ u rappreżentanti tal-partijiet jistgħu jieħdu sehem f'din il-laqgħa permezz tat-telefon jew ta' vidjokonferenza. Qabel din il-laqgħa, il-partijiet għandhom jinnotifikaw lill-bord tal-arbitraġġ bir-rappreżentanti maħtura tagħhom, kif ukoll bl-indirizz, bin-numri tat-telefown u bl-indirizzi tal-email li lilhom għandhom jintbagħtu l-komunikazzjonijiet li jinqalgħu matul il-proċedimenti.

11. Rigward it-termini ta' referenza tal-bord tal-arbitraġġ, japplika dan li ġej:

(a) Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara d-data meta jitwaqqaf il-bord tal-arbitraġġ, it-termini ta' referenza tal-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu:

"biex jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ikkwotati mill-partijiet, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, biex jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet koperti jew dwar jekk il-miżura inkwistjoni tħassarx jew tfixkilx sostanzjalment kwalunkwe benefiċċju li jakkumula għall-parti li qed tressaq l-ilment skont id-dispożizzjonijiet koperti b'mod li jaffettwa ħażin il-kummerċ bejn il-partijiet, skont il-każ, u li joħroġ deċiżjoni ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 29.14."

(b) Il-partijiet għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza maqbula lill-bord ta' arbitraġġ mhux aktar tard minn 3 (tlett) ijiem ta' xogħol mill-ftehim tagħhom.

## IV. SOTTOMISSJONIJIET INIZJALI

12. Il-parti li qed tressaq l-ilment għandha tippreżenta s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 30 (tletin) jum wara d-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ. Il-parti konvenuta għandha tagħti l-kontrosottomissjoni tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 30 (tletin) jum wara d-data tal-irċevuta tas-sottomissjoni bil-miktub inizjali.

13. Is-sottomissjoni inizjali għandha tiddikjara b'mod ċar it-talba tal-parti, inkluża l-identifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, il-bażi legali għall-ilment u sommarju tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti.

14. Il-kontrosottomissjoni għandha tiddikjara l-fatti u l-argumenti tal-parti konvenuta li fuqhom hija bbażata d-difiża tagħha.

## V. EVIDENZA

15. Is-sottomissjoni inizjali u l-kontrosottomissjoni għandhom jinkludu kwalunkwe evidenza ta' sostenn disponibbli, inkluż kwalunkwe opinjoni esperta jew teknika. Kull parti għandha tippreżenta b'mod ieħor l-evidenza fattwali kollha lill-bord tal-arbitraġġ kmieni kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem qabel id-data tal-ewwel seduta ta' smigħ, ħlief fir-rigward tal-evidenza meħtieġa għall-finijiet ta' konfutazzjonijiet, tweġibiet għall-mistoqsijiet, jew kummenti għat-tweġibiet ipprovduti mill-parti l-oħra. Fuq ġustifikazzjoni xierqa, il-bord tal-arbitraġġ jista' jagħti eċċezzjonijiet għal din ir-Regola. F'każijiet bħal dawn, il-parti l-oħra għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta dwar l-evidenza li tkun għadha kif ġiet ippreżentata.

16. Fil-każijiet kollha, kull parti għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta dwar l-evidenza ppreżentata mill-parti l-oħra.

17. L-evidenza kollha ppreżentata minn parti għandha tinżamm fil-files tal-proċedimenti.

18. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jisma' xhieda jew esperti biss fil-preżenza taż-żewġ partijiet.

## VI. IL-ĦIDMA TAL-BORDIJIET TAL-ARBITRAĠĠ

19. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Bord tal-arbitraġġ jista' jiddelega l-awtorità lill-president biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-arbitri l-oħra u, jekk xieraq, lill-partijiet.

20. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inklużi t-telefown, il-faks, il-konnessjonijiet bil-kompjuter jew il-vidjokonferenza.

21. L-arbitri biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, iżda l-bord tal-arbitraġġ jista' jippermetti li l-assistenti tal-arbitri jkunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.

22. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni għandu jibqa' r-responsabbiltà esklussiva tal-bord tal-arbitraġġ u ma jistax jiġi ddelegat.

23. Meta tqum xi kwistjoni proċedurali li mhix koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 29 jew dan l-Anness, il-bord tal-arbitraġġ, wara li jikkonsulta l-Partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li tkun kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

24. Meta l-bord tal-arbitraġġ iqis li hemm il-ħtieġa li jimmodifika xi limitu taż-żmien applikabbli fil-proċedimenti jew li jagħmel kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-partijiet bir-raġunijiet għall-bidla jew l-aġġustament u bil-perjodu ta' żmien jew aġġustament meħtieġ. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jadotta din il-bidla jew aġġustament bħal dan wara li jkun ikkonsulta lill-partijiet. Il-limiti taż-żmien fl-Artikolu 29.14.4 m'għandhomx jiġu modifikati.

## VII. EMENDA TAL-LISTA TAL-ARBITRI

25. Il-lista ta’ arbitri tista’ tiġi emendata fi kwalunkwe ħin b’inizjattiva ta’ kwalunkwe Parti. Kwalunkwe Parti tista’ tippreżenta individwi ġodda billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bl-ismijiet proposti. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-proposta mhux aktar tard minn 1 (xahar wieħed) wara li jirċievu n-notifika tal-ismijiet proposti. Il-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għandu jieħu d-deċiżjoni li jemenda l-lista mhux aktar tard minn 6 (sitt) xhur wara tali notifika.

## VIII. SOSTITUZZJONI TAL-ARBITRI

26. Jekk arbitru ma jkunx jista’ jipparteċipa fil-proċediment, jirtira ruħu, jew irid jinbidel, għandu jintgħażel sostitut f’konformità mal-Artikolu 29.9 u r-Regola 10 ta' dan l-Anness.

27. Jekk parti tqis li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta’ Kondotta kif stabbilit fl-Anness 29-B u għal din ir-raġuni għandu jiġi sostitwit, dik il-parti għandha tinnotifika lill-parti l-oħra fi żmien 15-il (ħmistax) jum mid-data meta tkun kisbet evidenza taċ-ċirkustanzi li fuqhom issejset il-vjolazzjoni materjali tal-arbitru tal-Kodiċi ta’ Kondotta kif stabbilit fl-Anness 29-B.

28. Jekk parti fit-tilwima tqis li arbitru għajr il-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta kif stabbilit fl-Anness 29-B, il-partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu fuq hekk, jinbidel l-arbitru u jagħżlu sostitut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.9 u r-Regola (10) ta’ dan l-Anness. Jekk il-partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel arbitru fi żmien 5 (ħamest) ijiem mid-data tan-notifika msemmija fir-Regola 27, kwalunkwe parti tista’ titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord ta’ arbitraġġ, u d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun finali.

29. F'każ li arbitru għajr il-president ikollu jiġi sostitwit, u jekk il-parti kkonċernata tonqos milli tagħżel is-sostituzzjoni ta' arbitru, il-president għandu jagħżel arbitru ġdid bil-polza mill-istess sublista bħall-arbitru li għandu jiġi sostitwit f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.9(4). L-għażla tal-arbitru l-ġdid għandha ssir mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara d-data tas-sottomissjoni tat-talba lill-president.

30. Jekk parti tqis li l-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta kif stabbilit fl-Anness 29-B u għal din ir-raġuni għandu jiġi sostitwit, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-parti l-oħra fi żmien 15-il (ħmistax) jum mid-data meta tkun kisbet evidenza taċ-ċirkustanzi li fuqhom issejjes il-ksur materjali tal-arbitru tal-Kodiċi ta' Kondotta kif stabbilit fl-Anness 29-B. Il-partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jissostitwixxu lill-president u jagħżlu sostitut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.9 u r-Regola 10 ta' dan l-Anness.

31. Jekk il-partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president fi żmien 5 (ħamest) ijiem mid-data tal-wasla tan-notifika msemmija fir-Regola 30, president ġdid għandu, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, jintgħażel bil-polza mill-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ mill-parti rikjedenti jew mill-persuna nominata ta' dak il-kopresident mis-sublista msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 29.8(3). Il-President il-ġdid għandu jintgħażel mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara d-data tal-wasla tat-talba lill-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ mill-parti rikjedenti għal dak l-għan.

32. Il-proċedimenti tal-arbitraġġ għandhom jiġu sospiżi għall-perjodu ta' żmien li jittieħed sabiex jitwettqu l-proċeduri previsti fir-Regoli 27, 28, 29, 30 u 31.

## IX. SMIGĦ

33. Il-parti konvenuta għandha tkun inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tas-seduti tas-soluzzjoni tat-tilwim, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor. Il-president tal-bord ta' arbitraġġ għandu jirranġa d-data u l-ħin għas-seduta f'konsultazzjoni mal-partijiet u l-membri l-oħra tal-bord tal-arbitraġġ, u għandu jikkonferma dan bil-miktub lill-partijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll mill-parti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti, sakemm is-seduta ma tkunx magħluqa għall-pubbliku. Sakemm ma jkunx hemm parti li ma taqbilx, il-bord tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li ma jlaqqax seduta.

34. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-seduta għandha tinżamm:

    (a) jekk il-parti konvenuta tkun l-Unjoni Ewropea, fi Brussell, il-Belġju;

    (b) jekk il-parti konvenuta tkun MERCOSUR, f'Asunción, il-Paragwaj; kif ukoll

    (c) jekk il-parti konvenuta tkun Stat Firmatarju tal-MERCOSUR 1 (wieħed) jew aktar, fil-post indikat mit-tali Stati.

35. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jitlob li jkun hemm seduti addizzjonali jekk il-partijiet jaqblu dwar dan.

36. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti fil-ħin kollu ta' kull seduta.

37. Il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu preżenti għas-seduta, irrispettivament minn jekk il-proċedimenti jkunux miftuħin għall-pubbliku jew le:

    (a) rappreżentanti tal-partijiet;

    (b) konsulenti tal-partijiet;

(c) persunal amministrattiv, interpreti, tradutturi; kif ukoll

(d) assistenti tal-arbitri.

Ir-rappreżentanti u l-konsulenti tal-partijiet biss jistgħu jindirizzaw lill-bord tal-arbitraġġ.

38. Mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem qabel id-data ta' seduta, kull Parti għandha tagħti lista lill-bord tal-arbitraġġ bl-ismijiet ta' dawk il-persuni li jkunu sejrin itellgħu l-argumenti orali jew jagħmlu preżentazzjonijiet matul is-seduta f'isem dik il-parti, u ta' dawk ir-rappreżentanti jew konsulenti li jkunu sejrin jattendu s-seduta. Parti tista' timmodifika l-lista tagħha wara dak il-limitu ta' żmien, jekk ikun debitament ġustifikat.

39. Is-seduti tal-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku, sakemm il-partijiet ma jiddeċidux mod ieħor. Is-seduti tal-bord tal-arbitraġġ għandu jkun parzjalment jew kompletament magħluq għall-pubbliku, jekk is-sottomissjoni jew l-argumenti ta' parti jkun fihom informazzjoni li dik il-parti tkun indikat bħala kunfidenzjali.

40. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jmexxi s-seduta b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-parti li qed tressaq l-ilment u l-parti konvenuta jingħataw l-istess ħin:

(a) L-Argument:

(i) l-argument tal-parti li qed tressaq l-ilment;

(ii) l-argument tal-parti konvenuta.

(b) Kontroargument:

(i) ir-risposta tal-parti li qed tressaq l-ilment;

(ii) il-kontrorisposta tal-parti konvenuta.

41. Il-bord ta’ arbitraġġ jista’ jindirizza direttament mistoqsijiet lil kwalunkwe miż-żewġ partijiet f’kull ħin matul is-seduta.

42. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel arranġamenti, mill-aktar fis possibbli, għat-tlestija u l-kunsinna lill-partijiet tat-traskrizzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta’ smigħ ta’ kull seduta. Il-partijiet jistgħu jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tat-traskrizzjoni, u l-bord tal-arbitraġġ jista' jikkunsidra dawn il-kummenti.

43. Kull parti tista’ tibgħat lill-bord tal-arbitraġġ, b’kopja lill-parti l-oħra, sottomissjoni supplimentari bil-miktub li tikkonċerna kwalunkwe kwistjoni li qamet matul is-seduta fi żmien 10 (għaxart) ijiem wara d-data tas-seduta.

## X. MISTOQSIJIET BIL-MIKTUB

44. Il-bord tal-arbitraġġ jista’ fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil parti waħda jew lit-tnejn li huma u jistabbilixxi limitu ta’ żmien raġonevoli għas-sottomissjoni tat-tweġibiet tagħhom. Kull waħda mill-partijiet għandha tirċievi kopja ta’ kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-bord tal-arbitraġġ lill-parti l-oħra.

45. Parti għandha tipprovdi wkoll lill-parti l-oħra kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-bord tal-arbitraġġ. Kull parti għandha tingħata l-opportunità li tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub għat-tweġibiet mogħtija mill-parti l-oħra fi żmien 7 (sebat) ijiem mill-wasla ta’ dawn it-tweġibiet.

## XI. KUNFIDENZJALITÀ

46. Il-partijiet u l-konsulenti tagħhom għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti tal-bord ta' arbitraġġ jekk is-seduti jsiru f'sessjonijiet magħluqa, b'konformità mar-Regola 39. Kull parti u l-konsulenti tagħha għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali t-tagħrif imressaq mill-parti l-oħra lill-bord tal-arbitraġġ u li dik il-parti tkun indikat bħala kunfidenzjali. Jekk parti tressaq verżjoni kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ, hija għandha wkoll, fuq talba tal-parti l-oħra, tipprovdi sommarju mhux kunfidenzjali tat-tagħrif li jinsab fis-sottomissjonijiet tagħha li jkun jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku minnufih iżda sa mhux aktar tard minn 30 (tletin) jum wara d-data tat-talba jew tas-sottomissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aħħar. Ma hemm xejn f'dan l-Anness li għandu jipprekludi parti milli xxandar stqarrijiet biex turi l-pożizzjoni tagħha lill-pubbliku, diment li jekk tirreferi għal informazzjoni ppreżentata mill-parti l-oħra, ma tikxifx informazzjoni mmarkata mill-parti l-oħra bħala kunfidenzjali.

## XII. KUNTATTI *EX PARTE*

47. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux jiltaqa' jew jikkomunika ma' parti fl-assenza tal-parti l-oħra.

48. L-ebda membru tal-bord tal-arbitraġġ ma jista' jiddiskuti xi aspett tas-suġġett tal-proċediment mal-partijiet l-assenza tal-arbitri l-oħra.

## XIII. INFORMAZZJONI U PARIR TEKNIKU

49. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jinnotifika lill-partijiet bl-intenzjoni tiegħu li jitlob l-opinjoni tal-esperti jew l-informazzjoni minn kwalunkwe sors rilevanti. Għal aktar ċertezza, l-opinjoni jew l-informazzjoni miksuba skont din id-dispożizzjoni ma teħlisx lill-partijiet mill-oneru tal-prova korrispondenti tagħhom.

50. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jqis l-ispiża ta’ kwalunkwe talba għal informazzjoni jew opinjoni tal-esperti sabiex ma jżidx b’mod eċċessiv l-ispejjeż tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim.

51. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jipprovdi lill-partijiet b’kopja tal-informazzjoni jew l-opinjoni tal-espert li jkun irċieva u għandu jagħtihom perjodu ta’ żmien raġonevoli biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

## XIV. OSSERVAZZJONIJIET *AMICUS CURIAE*

52. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor fi żmien 5 (ħamest) ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord ta’ arbitraġġ, il-bord ta’ arbitraġġ jista’ jirċievi sommarji bil-miktub mhux mitluba minn persuni fiżiċi interessati ta’ Parti jew persuni ġuridiċi stabbiliti fit-territorju ta’ parti u li jkunu indipendenti mill-gvern ta’ kwalunkwe waħda mill-Partijiet, jekk dawn jaslu għand il-bord ta’ arbitraġġ mhux aktar tard minn 10 (għaxart) ijiem wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta’ arbitraġġ. Dawn is-sottomissjonijiet minn hawn ’il quddiem jissejħu “sottomissjonijiet *amicus curiae*”.

53. Sottomissjonijiet *amicus curiae* għandhom:

(a) ikunu konċiżi u fl-ebda każ ma jkunu itwal minn 22 500 (tnejn u għoxrin elf u ħames mitt) karattru ttajpjat, inklużi spazji, noti f’qiegħ il-paġna, noti fi tmiem it-test u kwalunkwe dokument mehmuż;

(b) ikunu direttament rilevanti għal kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata mill-bord tal-arbitraġġ;

(c) fihom deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, sew jekk hi persuna fiżika kif ukoll jekk hi ġuridika, inkluż il-post ta’ stabbiliment, in-natura tal-attivitajiet tagħha u, fil-każ ta' persuna ġuridika, informazzjoni fuq il-membri tagħha, l-istatus ġuridiku tagħha u l-għanijiet ġenerali tagħha;

(d) jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe sors ta' finanzjament;

(e) jispeċifikaw in-natura tal-interess li dik il-persuna għandha fil-proċedimenti tal-arbitraġġ; kif ukoll

(f) ikunu abbozzati bil-lingwa magħżula mill-partijiet jew kwalunkwe lingwa uffiċjali tad-WTO f'konformità mar-Regoli 56, 57 u 58.

54. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jelenka fid-deċiżjoni tiegħu, is-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva u li jkunu konformi mar-Regoli 52 u 53. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux ikun obbligat jindirizza fid-deċiżjoni tiegħu l-argumenti li saru f'tali sottomissjonijiet. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jiżgura li l-partijiet ikollhom l-opportunità li jikkummentaw bil-miktub dwar kwalunkwe sottomissjoni *amicus curiae* qabel id-data tas-seduta. Parti għandha tagħti kwalunkwe kumment mhux aktar tard minn 10 (għaxart) ijiem wara li tirċievi s-sottomissjoni, u kwalunkwe tali kumment għandu jitqies mill-bord tal-arbitraġġ.

## XV. KAŻIJIET URĠENTI

55. F'każijiet ta' urġenza msemmija fil-Kapitolu 29, il-bord tal-arbitraġġ, wara li jikkonsulta lill-partijiet, għandu jaġġusta l-perjodi ta' żmien imsemmija f'dawn ir-regoli skont kif ikun jixraq u għandu jinnotifika lill-partijiet dwar aġġustamenti bħal dawn.

## XVI. TRADUZZJONI U INTERPRETAZZJONI

56. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.5, u mhux aktar tard mil-laqgħa msemmija fir-Regola 10(e), il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu fuq lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord tal-arbitraġġ.

57. Jekk il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta’ ħidma komuni, kull parti tista’ tagħżel kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tagħha bħala l-lingwa ta’ ħidma tagħha għall-proċedimenti. Madankollu, jekk parti tagħżel lingwa li ma tkunx lingwa uffiċjali tad-WTO, hija għandha tipprovdi, fil-mument tal-preżentata, verżjoni tradotta tas-sottomissjonijiet bil-miktub kollha tagħha fil-lingwa magħżula mill-parti l-oħra u għandha tirranġa u tħallas l-ispejjeż tal-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali tagħha lejn u mil-lingwa magħżula mill-parti l-oħra.

58. Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jinħarġu bil-lingwa komuni magħżula mill-partijiet. Jekk il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta’ ħidma komuni, id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ u s-sentenzi tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jinħarġu fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO magħżula mill-bord tal-arbitraġġ. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta’ deċiżjoni jew sentenza tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

59. Kwalunkwe parti tista’ tipprovdi, sa mhux aktar tard minn 5 (ħamest) ijiem wara l-irċevuta tagħha, kummenti dwar il-preċiżjoni tat-traduzzjoni ta’ kwalunkwe verżjoni tradotta ta’ dokument imfassal f’konformità ma’ dan l-Anness.

## XVII. KALKOLU TAL-PERJODI TA’ ŻMIEN

60. Soġġetti għar-Regola 2, jekk parti tipprovali rċeviet dokument f’data differenti minn dik ta' meta l-parti l-oħra tkun irċeviet l-istess dokument, kwalunkwe perjodu ta' żmien li jkun ikkalkulat fuq il-bażi tad-data ta' meta jasal dak id-dokument ikun ikkalkulat mill-aħħar jum tal-wasla ta' dak id-dokument.

## XVIII. PROĊEDURI OĦRA

61. Dan l-Anness huwa applikabbli wkoll għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikoli 29.18 sa 29.21. Madankollu, il-perjodi taż-żmien stabbiliti f'dan l-Anness ikunu aġġustati f'konformità mal-perjodi taż-żmien speċjali previsti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-bord tal-arbitraġġ f'dawk il-proċeduri l-oħrajn.

62. Jekk il-bord tal-arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunx jista' jerġa' jiltaqa' għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikoli 29.18, 29.19, 29.20 u 29.21, għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 29.9.

## XIX.DEĊIŻJONIJIET TA' ARBITRAĠĠ

63. Id-deċiżjoni tal-arbitraġġ għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor li l-bord tal-arbitraġġ jista' jqis xieraq għall-inklużjoni:

(a) l-identifikazzjoni tal-partijiet;

(b) l-isem ta' kull wieħed mill-membri tal-bord tal-arbitraġġ u d-data tat-twaqqif tiegħu;

(c) it-termini ta' referenza tal-bord tal-arbitraġġ, inkluża deskrizzjoni tal-miżura inkwistjoni;

(d) l-argumenti ta' kull waħda mill-partijiet;

(e) deskrizzjoni tal-iżvilupp tal-proċedura ta' arbitraġġ, inkluż sommarju tal-azzjonijiet meħuda;

(f) deskrizzjoni tal-elementi fattwali tat-tilwima;

(g) id-deċiżjoni meħuda fir-rigward tat-tilwima, li tindika r-raġunijiet fattwali u legali;

(h) id-data tal-ħruġ; kif ukoll

(i) il-firma tal-membri kollha tal-bord tal-arbitraġġ.

_____

**ANNESS 29-B**

# KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-BORDIJIET TAL-ARBITRAĠĠ U L-MEDJATURI

## I. RESPONSABBILTAJIET GĦALL-PROĊESS

1. Kull kandidat u arbitru għandu jevita kondotta skorretta u l-impressjoni ta' kondotta skorretta, għandu jkun indipendenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interess diretti jew indiretti u għandu josserva standards għoljin ta' kondotta sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim. Arbitri preċedenti għandhom ikunu konformi mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 14, 15, 16 u 17 ta' dan l-Anness.

## II. OBBLIGI TA' DIVULGAZZJONI

2. Qabel ma tkun ikkonfermata l-għażla ta' kandidat bħala arbitru skont dan l-Artikolu 29.9, huwa għandu jiddikjara kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx li taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li tista' toħloq raġonevolment dehra ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedimenti. Għal dan l-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isir konxju ta' tali interess, relazzjoni u kwistjoni ta' dan it-tip.

3. Kandidat jew arbitru għandu jikkomunika biss kwistjonijiet li jikkonċernaw vjolazzjonijiet reali jew potenzjali ta' dan l-Anness lill-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ biex ikunu kkunsidrati mill-partijiet.

4. Ladarba jintgħażel, arbitru għandu jibqa' jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjonijiet jew kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u għandu jiżvelahom. L-obbligu ta' divulgazzjoni huwa dmir kontinwu li jitlob li arbitru jiddivulga interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet bħal dawn li jistgħu jitfaċċaw matul kull stadju tal-proċediment. L-arbitru għandu jiżvela interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet bħal dawn billi jinforma lill-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, bil-miktub, biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

## III. DMIRIJIET TAL-ARBITRI

5. Wara l-konferma tal-ħatra tiegħu, arbitru għandu jkun disponibbli biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu u għandu jwettaqhom bir-reqqa u malajr matul il-proċedimenti, inklużi kwalunkwe proċedimenti skont l-Artikoli 29.18 sa 29.21 u b'mod ġust u b'diliġenza.

6. Arbitru jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċediment u li jitqiesu meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni u dan id-dmir ma jiġix delegat lil ebda persuna oħra.

7. Arbitru għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jkunu konxji u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness *mutatis mutandis*.

8. Arbitru m'għandux jimpenja ruħu f'kuntatti *ex parte* li jikkonċernaw il-proċediment.

## IV. INDIPENDENZA U IMPARZJALITÀ TAL-ARBITRI

9. Arbitru għandu jkun indipendenti u imparzjali, jevita li joħloq impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju, u ma jkunx influwenzat minn interess personali, pressjoni esterna, kunsiderazzjonijiet politiċi, opinjoni pubblika, u lealtà lejn xi Parti jew biża' mill-kritika. Arbitru ma għandux jieħu struzzjonijiet minn xi organizzazzjoni jew gvern jew ikun affiljat ma' gvern, inkluża organizzazzjoni governattiva, ta' Parti.

10. Arbitru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal kwalunkwe obbligu jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod jindaħal, jew jidher li jindaħal, fil-prestazzjoni xierqa ta' dmirijietu.

11. Arbitru ma jistax jinqeda bil-pożizzjoni tiegħu fil-bord tal-arbitraġġ biex jaġevola xi interessi personali jew privati u għandu jevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li oħrajn jinsabu f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzawh.

12. Arbitru m'għandux jippermetti relazzjonijiet jew responsabbiltajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali biex jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu jew tagħha.

13. L-arbitru jrid jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju, li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista' raġonevolment joħloq dehra ta' kondotta skorretta jew ta' preġudizzju.

## V. OBBLIGI TA' MEMBRI PREĊEDENTI

14. L-arbitri preċedenti kollha jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu dehra li huma kellhom preġudizzji fit-twettiq ta' dmirijiethom jew li ħadu vantaġġ mid-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

## VI. KUNFIDENZJALITÀ

15. L-ebda arbitru jew arbitru preċedenti fl-ebda mument ma għandu jiżvela jew juża xi informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna proċedimenti jew li tkun miksuba waqt proċedimenti ħlief għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti u fl-ebda każ, ma għandu jiżvela jew juża l-ebda informazzjoni tali biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwa ħażin l-interessi ta' oħrajn.

16. Arbitru ma għandux jiżvela deċiżjoni tal-arbitraġġ jew partijiet minnha qabel ma tiġi ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 29.14(12).

17. Arbitru, attwali jew preċedenti, fl-ebda mument ma għandu jikxef id-deliberazzjonijiet ta' bord tal-arbitraġġ, jew il-fehmiet ta' xi arbitru.

## VII. L-ISPEJJEŻ

18. Kull arbitru għandu jżomm rekord u jagħti rendikont finali tal-ispejjeż tiegħu, kif ukoll il-ħin u l-ispejjeż tal-assistenti u l-persunal tiegħu.

## VIII. MEDJATURI

19. Id-dixxiplini deskritti f'dan l-Anness li japplikaw għall-arbitri jew arbitri preċedenti għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-medjaturi u, jekk applikabbli, għall-medjaturi preċedenti.

## IX. ESPERTI

20. Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-esperti li l-opinjoni tagħhom tintalab mill-bord tal-arbitraġġ:

(a) Huma għandhom jiżvelaw kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li tista' taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom. L-esperti għandhom jaġixxu fil-kapaċità tagħhom stess u ma għandhomx jaċċettaw jew ifittxu struzzjonijiet mingħand l-ebda gvern jew organizzazzjoni fl-għoti tal-opinjoni tagħhom;

(b) Ma għandhomx jidħlu f'kuntatti *ex parte* fil-kors tal-proċediment li għalih tintalab l-opinjoni tagħhom;

(c) Huma ma għandhomx jiżvelaw jew jużaw xi informazzjoni mhux pubblika miksuba waqt proċediment li għalih tkun intalbet l-opinjoni tagħhom, ħlief għall-finijiet tal-proċediment u fl-ebda każ, ma għandhom jiżvelaw jew jużaw l-ebda tali informazzjoni biex jiksbu vantaġġ personali jew vantaġġ għal ħaddieħor jew biex jaffettwaw ħażin l-interessi ta' ħaddieħor;

(d) Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-partijiet, dawn ma għandhomx jiżvelaw l-opinjoni tagħhom jew partijiet minnha qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ; kif ukoll

(e) Huma għandhom iżommu rekord u jagħtu rendikont finali tal-ispejjeż tagħhom.

21. L-opinjonijiet tal-esperti ppreżentati lill-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu akkumpanjati, jew preċeduti, minn dikjarazzjoni mill-espert li tikkonferma l-impenn tiegħu li jirrispetta l-obbligi deskritti fil-paragrafu 20, kif applikabbli.

**ANNESS 29-C**

# MEDJAZZJONI

## ARTIKOLU 1

### Objettiv

L-għan ta' dan l-Anness hu li jiffaċilita s-sejba ta' soluzzjoni maqbula reċiprokament permezz ta' proċedura komprensiva u mingħajr dewmien bl-assistenza ta' medjatur.

## ARTIKOLU 2

### Għoti ta' informazzjoni

1. Wara talba ta’ Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih informazzjoni u twieġeb għall-mistoqsijiet li jirrigwardaw kwalunkwe miżura eżistenti jew proposta li materjalment taffettwa t-tħaddim tal-Parti III ta’ dan il-Ftehim.

2. L-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju dwar jekk il-miżura hijiex konsistenti mal-Parti III ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3

Bidu tal-proċedura

1. Parti tista’ fi kwalunkwe ħin titlob li tidħol bil-miktub fi proċedura ta’ medjazzjoni fir-rigward ta’ kwalunkwe miżura minn parti li taffettwa b’mod negattiv il-kummerċ bejn il-Partijiet. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed biex tippreżenta b’mod ċar it-tħassib tal-parti rikjedenti u għandha:

(a) tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-parti rikjedenti temmen li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ bejn il-partijiet; kif ukoll

(c) tispjega kif il-parti rikjedenti tqis li dawk l-effetti jkunu marbuta mal-miżura.

2. Il-proċedura ta' medjazzjoni tista' tinbeda biss bi qbil reċiproku bejn il-partijiet. Jekk issir talba skont il-paragrafu 1, il-parti li ssirilha r-rikjesta għandha tagħti kunsiderazzjoni simpatetika lit-talba u tibgħat aċċettazzjoni jew ċaħda bil-miktub lill-parti rikjedenti mhux aktar tard minn 10 (għaxart) ijiem mill-wasla tagħha. Inkella, it-talba għandha titqies bħala miċħuda.

3. Il-konsultazzjonijiet, inklużi skont il-Kapitolu 29, mhumiex meħtieġa qabel ma tibda l-proċedura ta’ medjazzjoni. Madankollu, bħala prinċipju, parti għandha tiddisponi mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta’ kooperazzjoni jew konsultazzjoni rilevanti previsti fil-Parti III ta’ dan il-Ftehim qabel it-tnedija tal-proċedura ta' medjazzjoni.

ARTIKOLU 4

Għażla tal-medjatur

1. Il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar medjatur fi żmien 15 (ħmistax)-il jum mill-wasla tal-aċċettazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan l-Anness.

2. Medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' waħda mill-partijiet, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Jekk il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-medjatur f'perjodu taż-żmien stipulat fil-paragrafu 1, kull parti tista' titlob lill-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ jew lid-delegat tiegħu, biex jagħżel il-medjatur bil-polza mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 29.8(3)(c). Ir-rappreżentanti taż-żewġ partijiet ikunu mistiedna minn qabel, b'avviż suffiċjentement bil-quddiem, biex ikunu preżenti meta tittella' l-polza. F'kull każ, il-polza tittella' quddiem il-parti jew partijiet li tkun/ikunu preżenti.

4. Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ mill-parti rikjedenti, jew il-persuna maħtura mill-kopresident, għandha tagħżel il-medjatur fi żmien 5 (ħamest) ijiem mit-talba magħmula skont l-Artikolu 3(2) ta' dan l-Anness.

5. Jekk il-lista prevista fl-Artikolu 29.8(3)(c) ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien li fih issir it-talba skont l-paragrafu 3, il-medjatur għandu jintgħażel bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn waħda jew miż-żewġ partijiet.

6. Il-medjatur jassisti, b'mod imparzjali u trasparenti, lill-partijiet f'li jiċċaraw il-miżura u l-effetti possibbli tagħha fuq il-kummerċ, u f'li jilħqu soluzzjoni maqbula reċiprokament.

7. L-Anness 29-B japplika għall-medjaturi, *mutatis mutandis*.

8. Ir-Regoli 2 sa 9 u 56 sa 59 tar-Regoli ta’ Proċedura għall-Arbitraġġ stabbiliti fl-Anness 29-A japplikaw, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 5

Regoli tal-proċedura ta’ medjazzjoni

1. Mhux aktar tard minn 10 (għaxart) ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-parti li tkun sejħet għall-proċedura ta’ medjazzjoni għandha tippreżenta deskrizzjoni dettaljata tat-tħassib tagħha bil-miktub, lill-medjatur u lill-parti l-oħra, b’mod partikolari dwar l-operazzjoni tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti tagħha fuq il-kummerċ. Mhux aktar minn 20 (għoxrin) jum wara l-wasla ta’ din id-deskrizzjoni, il-parti l-oħra tista’ tippreżenta kummenti bil-miktub dwar dik id-deskrizzjoni. Kull parti tista’ tinkludi kwalunkwe informazzjoni li hija tqis rilevanti fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha.

2. Il-medjatur jista' jiddeċiedi l-aktar mod xieraq biex jiċċara l-miżura kkonċernata u l-effetti potenzjali fuq il-kummerċ. Il-medjatur, b’mod partikolari, jista’ jorganizza laqgħat bejn il-partijiet, jikkonsultahom b’mod konġunt jew b'mod individwali, u jipprovdi kwalunkwe appoġġ addizzjonali mitlub mill-partijiet. Il-medjatur għandu jfittex l-assistenza tal-esperti u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti jew jikkonsulta magħhom, wara l-qbil mal-partijiet.

3. Il-medjatur ma għandux jagħti parir jew jikkummenta dwar il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni mal-Parti III ta’ dan il-Ftehim. Il-medjatur jista’ joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-konsiderazzjoni tal-partijiet. Il-partijiet jistgħu jaċċettaw jew jiċħdu s-soluzzjoni proposta, jew jaqblu dwar soluzzjoni differenti.

4. Il-proċedura ta’ medjazzjoni għandu jkollha lok fit-territorju tal-parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba, jew bi qbil reċiproku tal-partijiet, f’kull post ieħor jew permezz ta’ mezzi oħrajn.

5. Il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku mhux aktar tard minn 60 (sittin) jum wara l-ħatra tal-medjatur. Sakemm jintlaħaq ftehim finali, il-partijiet jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet interim possibbli, b'mod partikolari jekk il-miżura tkun relatata ma' oġġetti li jitħassru malajr, jew oġġetti jew servizzi oħra li jitilfu malajr il-kwalità tagħhom.

6. Is-soluzzjoni tista' tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ. Il-konklużjoni tas-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku bejn il-partijiet tista' tkun soġġetta għat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura interna meħtieġa. Soluzzjonijiet maqbula reċiprokament għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mingħajr ma jkun fihom informazzjoni li parti tkun indikat bħala kunfidenzjali.

7. Jekk mitlub mill-partijiet, il-medjatur għandu jippreżenta abbozz ta' rapport fattwali lill-partijiet, waqt li jipprovdi sommarju qasir tal-miżura inkwistjoni, il-proċeduri li ġew segwiti u kull soluzzjoni maqbula reċiprokament, inklużi soluzzjonijiet interim possibbli. Il-medjatur għandu jagħti lill-partijiet 15 (ħmistax)-il jum biex jikkummentaw dwar l-abbozz tar-rapport. Wara li jikkunsidra l-kummenti tal-partijiet ippreżentati matul dak il-perjodu, il-medjatur għandu jippreżenta rapport fattwali finali bil-miktub lill-partijiet fi żmien 15(ħmistax)-il jum. Ir-rapport fattwali ma għandu jinkludi l-ebda interpretazzjoni tal-Parti III ta' dan il-Ftehim.

8. Il-proċedura għandha tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku mill-partijiet, fid-data tal-adozzjoni tagħha;

(b) bi qbil reċiproku tal-partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, fid-data ta' dak il-ftehim;

(c) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni; jew

(d) b’dikjarazzjoni bil-miktub ta’ parti wara li jkunu ġew esplorati kwalunkwe soluzzjonijiet possibbli miftehmin b’mod reċiproku skont il-proċedura ta’ medjazzjoni u wara li tkun ingħatat kunsiderazzjoni lil kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta mill-medjatur, fid-data ta’ dik id-dikjarazzjoni.

ARTIKOLU 6

Implimentazzjoni ta’ soluzzjoni miftiehma b’mod reċiproku

1. Jekk il-partijiet jilħqu ftehim dwar soluzzjoni, kull parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa li taħseb li huma neċessarji sabiex timplimenta s-soluzzjoni maqbula reċiprokament fiż-żmien miftiehem.

2. Il-parti ta’ implementazzjoni għandha tgħarraf lill-parti l-oħra bil-miktub b'kull pass jew miżura li tieħu biex timplimenta s-soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 7

Kunfidenzjalità

Sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 5(6), il-passi kollha tal-proċedura, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Madankollu, kull parti tista' tiddivulga lill-pubbliku l-fatt li qed issir medjazzjoni.

ARTIKOLU 8

Relazzjoni mal-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim

1. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-proċeduri ta’ soluzzjoni tat-tilwim tal-Parti III ta’ dan il-Ftehim, jew kull ftehim ieħor.

2. Parti ma għandhiex tibbaża fuq, jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri oħra għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-Parti III ta’ dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, u bord ma għandux jikkunsidra:

(a) pożizzjonijiet meħuda mill-parti l-oħra matul il-proċedura ta' medjazzjoni jew informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 5;

(b) il-fatt li l-parti l-oħra tkun indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għall-miżura soġġetta għall-medjazzjoni; jew

(c) il-parir mogħti jew il-proposti magħmula mill-medjatur.

3. Medjatur ma għandux iservi bħala membru ta’ bord fi proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Parti III ta’ dan il-Ftehim jew skont il-Ftehim tad-WTO, jew kwalunkwe ftehim kummerċjali ieħor li tiegħu ż-żewġ Partijiet ikunu parti, li jkunu jinvolvu l-istess kwistjoni li għaliha kien medjatur.

_____